MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2007

Numru. 1187/2006

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

vs

Carmelo Dingli
Marlene Dingli

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Carmelo Dingli, bin il-mejjet John Mary u Emanuela mwielda Gauci, mwieled tal-Pieta’ fil-5 ta’ April, 1961, u joqghod “St. Mary Flats”, No. 15, Flat 1, Trejqet Sant Anna, Mosta I.D. 255961(M), u Marlene Dingli, bint Carmelo u l-mejta Mary imwielda Muscat, mwielda tal-Pieta’ fit-22 ta’ Mejju, 1985 u toqghod Nru. 19, St. John Street, Mosta, I.D. 272385(M) gew imressqa quddiemha

akkuzati talli fil-15 ta’ Awissu, 2006 u matul dawn l-ahhar xhur, waqt li kienu fl-ghalqa li qeghda fil-post maghruf bhal tan-Nemli, f’Burmarrad, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, geghlu bl-awtorita’ taghhom innifishom, jew fixklu lil Antoine u Joseph ahwa Muscat, fil-pussess ta’ hwejjighom, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi, ndahhlu fi hwejjighom, billi dahhlu fl-imsemmija ghalqa minghajr il-kunsens taghhom u bdew jghidu li hija propjeta’ taghhom liema allegazzjoni ghadhom isostnu sal-guranta tal-lum;

U aktar talli fl-istess data u matul l-istess perjodu, waqt li kienu fl-imsemmija ghalqa, kkagunaw hsara voluntarja fl-apparat ta’ l-irrigazzjoni ghal ilma kif ukoll hsara voluntarja fiz-zriegh ta’ l-istess ghalqa, liema hsara tammonta ghal madwar LM200 (mitejn lira Maltin).

U aktar talli kisru l-paci pubblika b’ghajjat u glied jew b’mod iehor, u talli heddew u hebbew ghall-imsemmija Antoine u Joseph Muscat, kif ukoll talli qalu kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 9 ta’ Novembru, 2006 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputati din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi tratta u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-16 ta’ Frar, 2007 ai termini ta’ l-artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 7 u 8).

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat: **L-Ispettur Paul Bond** li xehed fis-seduta tas-16 ta’ Frar, 2007 qal li fix-xahar ta’ Settembru, 2006, il-Pulizija kienet irceviet kwerela (a folio 17 u 18 tal-process)

mibghuta minn Dr Kenneth Grima ghan-nom ta' Antoine u Joseph Muscat minn Burmarrad fejn dawn talbu lil Pulizija tiehu passi kontra l-imputati odjerni talli fix-xahar t'Awissu bejn Santa Marija u l-ahhar ta' Awissu, iz-zewg imputati kienu marru fl-ghalqa maghrufa bhala tan-Nemli, Burmarrad, li kienet tinhadem mill-ahwa Muscat u qalulhom sabiex johorgu minn hemm ghaliex dik l-ghalqa kienet taghhom. L-ahwa Muscat infurmaw lil Pulizija li huma kienu ilhom jahdmu din l-ghalqa ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena u allegaw li meta l-imputati marru fl-ghalqa kienu ghamlu xi hsarat fis-sistema ta' l-irrigazzjoni, liema hsarat kienu jeccedu l-LM50 (hamsin liri Maltin) izda mhux il-LM500 (hames mitt lira Maltin). L-istess ahwa Muscat kienu wkoll allegaw li l-imputati qalu kliem oxxen u ordnawlhom sabiex johorgu mill-imsemmija ghalqa. Meta l-Ispettur Bond kellem lill-imputati, dawn sostnew li l-ghalqa kienet imqabbla mill-Joint Office lil mart Carmelo Dingli. L-Ispettur Bond xehed ukoll li Marlene Dingli kienet ammettiet mieghu li hija kienet qalghet is-sistema ta' irrigazzjoni ta' l-ghalqa izda l-imputat Carmelo Dingli kien cahad li ghamel xi hsarat. In kontro-ezami l-Ispettur Bond ikkonferma li huwa ma kienx ra l-allegata hsara personalment u kkonferma wkoll li l-kwerelanti ma kienux ipproducewlu xi rcevuti jew stima dwar l-allegati hsarat li huma sofrew.

**Antoine Muscat**, li wkoll xehed fiss-eduta tas-16 ta' Frar, 2006, wara li kkonferma bil-gurament il-kontenut tal-kwerela mmarkata bhala dokument numru: PB6 qali li hu u huh ilhom jahdmu l-ghalqa li tinsab Burmarrad ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena. Din l-ghalqa originarjament kienet mikrija lil kugina tieghu, Mary Dingli minghand il-Joint Office u kienet agjacenti ma' raba proprjeta' ta' missier il-kwerelanti. Antoine Muscat spjega li peress li Mary Dingli ma kienitx tahdem din ir-raba, hu u huh kienu talbuha sabiex jibdew jahdmuha huma u ntlahaq ftehim maghha li huma jhallsuha LM100 (mitt lira Maltin) fis-sena sabiex ikunu jistghu jahdmu l-ghlaqa. L-ahwa Muscat baqghu ihallsu lil Mary Dingli dawn il-Lm100 fis-sena sas-sena 2001, u mbaghad ghamlu applikazzjoni mad-Dipartiment ta' l-Artijiet, wara li nfurmaw lil Mary Dingli,

sabiex ikunu jistghu idawwru l-ghalqa fuq isimhom. Lil Mary Dingli hallsuha l-ammont ta’ LM600 bhala rigal.

Antoine Muscat qal ukoll li fil-15 ta’ Awissu, 2006 kien mar l-imputat Carmelo Dingli, li huwa r-ragel ta’ Mary Dingli, fl-ghalqa u qallu li minn dakinhar il-quddiem, l-ghalqa kienet tieghu. Dan beda jmur l-ghalqa kuljum u ma kienx qed ihalli lill-ahwa Muscat jahdmu l-ghalqa u hebb ghalihom. Dan ix-xhud sostna wkoll li l-imputat Carmelo Dingli kien ghamlilhom hsara fl-ghalqa ghaliex kien gabar xi pajpijiet li kien hemm fl-ghalqa u ghalhekk il-qaqocc li kienu hawlu kiber tard bil-konsegwenza li l-prezz tieghu waqa’. Dan ix-xhud qal li huwa ma ra lil hadd jaghmel il-hsara izda spjega li Carmelo Dingli kien qallu li kien hu li gabar il-pajpijiet flimkien ma’ l-imputata Marlene Dingli. Antoine Muscat spjega wkoll li Carmelo Dingli gieli mar wahdu u gieli mar akkompanjat mill-imputata l-ohra Marlene Dingli u huma kienu joffenduhom u jghidu kliem oxxen.

**Joseph Muscat** xehed fis-seduta tas-16 ta’ Frar, 2007 u qal li l-imputat Carmelo Dingli akkumpanjat minn uliedu kien qed imur l-ghalqa tieghu u ta’ huh Antoine f’Burmarrad u huma kienu qed ihebbu ghalih u ghal huh u jghidulhom sabiex johorgu mill-ghalqa maghrufa bhala tan-Nemli ghaliex dik l-ghalqa kienet taghhom u inoltre ma kienux qed ihalluhom jahdmu l-imsemmija ghalqa. Dan ix-xhud qal ukoll li l-imputati Dingli kienu gabru l-prodott li kien hemm mizrugh fl-ghalqa u ghalhekk l-istess prodott ma kiberx skond l-istagun u ghalhekk huma sofrew danni li kienu jammontaw ghal madwar LM200 izda stqarr ukoll li huwa ma kienx ra lill-imputati jaghmlu l-hsara izda dawn wara kienu qalulu li kienu huma li ghamlu l-imsemmija hsara. Dejjem skond dan ix-xhud meta l-imputati marru fl-ghalqa in kwistjoni huma heddew lill-ahwa Muscat u qalulhom sabiex jitilqu l’ barra mill-ghalqa u sabiex ma jkomplux jahdmuha ghaliex dik kienet taghhom, izda qal ukoll li ma jiftakarx jekk sarx xi kliem hazin jew offensiv.

Permess ta’ l-ewwel akkuza l-imputati qed jigu akkuzati talli fil-15 ta’ Awissu, 2006 u matul dawn l-ahhar xhur bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda sabiex jezercitaw jedd li jippretendu huma fixklu lil ahwa Antoine

u Joseph Muscat fil-pussess ta' hwejjighom billi dahlu fl-ghalqa minghajr il-kunsens taghhom u bdew jghidu li l-imsemmija ghalqa kienet propjeta' taghhom. L-imputati qeghdin ghalhekk jigu akkuzati bir-reat ta' ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap 9. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi (Ara App. Krim. 'Il-Pulizija vs Reno Micallef (6.6.1995), 'Il-Pulizija vs Manl John Schembri (18.9.200) l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragion fattasi huma erbgha u cioe':-

(a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oposizzjoni espressa jew prezunta, ta' dan il-haddiehor;
(b) Il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;
(c) Il-koxxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; u
(d) N-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi mressqa fil-kaz odjern ma rrizultax li kien hemm att estrem li spolja lil kwerelanti minn xi haga li kienu qed igawdu fis-sens li ghalkemm gie pruvat, li l-imputati Dingli marru fl-ghalqa mahduma mill-ahwa Muscat u qalulhom sabiex johorgu l'barra il-ghaliex l-ghalqa kienet taghhom, ma rrizultax li l-istess imputati ghamlu xi att estrem li spolja lill-ahwa Muscat mit-tgawdija ta' l-ghalqa in kwistjoni. Il-Qorti jidhrilha li fil-kaz odjern ma jikkonkorrux l-erba' rekluziti hawn fuq imsemmija sabiex jissussisti r-reat ta' ragion fattasi kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap 9 u ghalhekk l-imputati ser jigu dikjarati mhux hatja ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

In kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputati odjerni, u cioe' dik ta' hsara volontarja kontemplata fl-Artikolu 325 tal-Kap 9, l-anqas din l-akkuza ma giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u cioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u dan peress illi filwaqt li fl-akkuza hemm indikat li l-imputati kkagunaw hsara fl-apparat ta' irrigazzjoni u fiz-zriegh ta' l-istess ghalqa, il-kwerelanti Muscat indikaw b'mod pjuttost vag li l-hsara li sofrew kienet tikkonsisti fil-fatt li l-imputati gabru xi pajpijiet sabiex b'hekk il-prodott li kien hemm fl-ghalqa ma kibirx fl-

istagun tieghu u qalu li l-hsara kienet tammonta ghal madwar LM 200 (mitejn lira Maltin) izda ma ngabet ebda stima jew ricevuta in sostenn ta' dak minnhom allegat. Inoltre huma xehdu li ma kienux raw lill-imputati jaghmlu l-imsemmija hsara.

L-istess jista' jinghad dwar it-tielet akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputati, u cioe' li l-imputati kisru l-paci pubbliku b'ghajjat u glied u qalu kliem oxxen konsistenti f'dagha. Ma jisghax jinghad li din l-akkuza giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi f'kamp kriminali u dan ghaliex ghalkemm Antoine Muscat accenna li l-imputati kienu qalu xi kliem oxxenn huwa ma specifikax x'kien dan il-kliem mentri huh Joseph Muscat qal li ma jiftakarx jekk sarx xi kliem oxxen jew offensiv da parti ta' l-imputati fil-konfronti tieghu u ta' huh.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tiddikjara lill-imputati mhux hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom tiddeciedi li tillebera lill-imputati Carmelo Dingli u Marlene Dingli mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------